# Bolla tan-Nutar Emmanuele Vitale biex tfakkar il-200 Anniversarju minn Mewtu




Fuq talba ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat, il-*Maltapost* f' Ottubru 2002, ħarġet bolla ta' 50ċ, li kien fiha ritratt tan-Nutar Emmanuele Vitale.

Hu twieled ir-Rabat fl-1759 u miet f'Għawdex fl-1802, fejn hu midfun fil-katidral ta' dik il-gżira. Hu kien devot kbir, benefattur u membru attiv fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina. F'din il-fratellanza wisq antika, hu kien jokkupa diversi karigi importanti, fosthom: Rettur, Prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira u karigi importanti oħra.

Emmanuele Vitale kien eroj u patrijott awtentiku u mexxej tal-Maltin fi żmien tal-ħakma Franċiża fuq il-Maltin.

Fl-1785, ta' 26 sena nħatar minflok missieru, Kanċillier ta' l-Università ta' l-Imdina, kien Imħallef tal-Paċi għad-distrett taż-Żurrieq u Gvernatur għal Għawdex.

Fl-24 ta' Settembru 1998, l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp ippubblikat ktieb dwar il-ħajja u l-ħidma tal-Ġeneral Rabti, in-Nutar Emmanuele Vitale. Ktieb ta' 60 paġna miktub mis-Sur Anthony Casha, Segretarju Ġenerali tal-Fratellanza ta' San Ġużepp.

Fl-anniversarju tal-200 sena mill-mewt ta' dan l-eroj, nhar il-Ħadd, 6 ta' Ottubru 2002, saret quddiesa kantata fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu), ir-Rabat. Fost l-oħrajn kienu mistiedna s-Sindki li n-Nutar Vitale kellu konnessjoni mal-belt jew raħal tagħhom. Dawn kienu: ir-Rabat, l-Imdina, l-Imtarfa, Ħad-Dingli, iż-Żurrieq, l-Isla u r-Rabat Għawdex.

Wara l-quddiesa saret ċerimonja qasira imma sinifikanti ħafna, quddiem il-Monument ta' Emmanuele Vitale fi Triq San Ġużepp, fejn ħadu sehem fost l-oħrajn il-Banda Versatile Brass Ensemble, li kienet il-mistiedna tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, saru kelmtejn taċ-ċirkustanza mis-Sindku tar-Rabat, is-Sur Rudolph Grima u mir-Rettur ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp, is-Sur Dominic Micallef. Wara kien hemm riċeviment f'Palazzo Xara, il-każin tal-Banda L'Isle Adam.

## San Ġużepp Ħarries tat-Trabi li għadhom ma twieldux

Il-Knisja Kattolika, matul iż-żminijiet poġġiet lil San Ġużepp protettur ta' diversi kategoriji fil-qasam tal-ħajja nisranija, bħalma huma: San Ġużepp Protettur tal-Moribondi, San Ġużepp Protettur tal-Knisja Universali, San Ġużepp Patrun tal-Ħaddiema, San Ġużepp Patrun tal-Konċilju Vatikan it-Tieni u ħafna aktar titoli bħal dawn.

Illum il-ġurnata, aħna l-membri ta' l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina, qed nuru x-xewqa tagħna, biex San Ġużepp jiġi magħruf mill-Knisja Kattolika bħala *Il-Ħarries tat-Trabi li għadhom ma twieldux.*

Kulħadd jaf kemm miljuni ta' trabi qed jinqatlu qabel it-twelid.



**"Human Life International"**
**taħt il-ħarsien ta' S. Ġużepp**

***Din hi santa jew poster ta' San Ġużepp. Qiegħed iħaddan lil Ġesù hekk kif twieled, u martu Marija mimduda, qiegħda tistrieħ. Stampa ċara ppreżentata fiż-żminijiet progressivi u moderni ta' żmienna, ta' kif il-ġenituri għandhom iħarsu d-dritt tal-ħajja ta' kull tarbija. Din is-santa ġiet ippubblikata mill-"Human Life International" ta' l-U.S.A. u l-Kanada.***
***Tagħrif mogħti lilna minn Fr. Mario Micallef M.S.S.P.***